PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2011/0023(COD)**

15.9.2011

# EMENDI
# 19 - 219

**Abbozz ta' opinjoni**
**Eva Lichtenberger**
(PE467.175v01-00)

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tad-dejta fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji

Proposta għal direttiva
(COM(2011)0032 – C7-0039/2011 – 2011/0023(COD))



*Magħquda fid-diversità*

AM_Com_LegOpinion

**Emenda 19**
**Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi bl-ajru li jikkomunikaw dejta tal-passiġġieri tirregola t-trasferiment bil-quddiem ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-għan li jtejbu l-kontrolli bejn il-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni ***irregolari***. | (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi bl-ajru li jikkomunikaw dejta tal-passiġġieri tirregola t-trasferiment bil-quddiem ta' informazzjoni dwar il-passiġġieri mit-trasportaturi bl-ajru lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-għan li jtejbu l-kontrolli bejn il-fruntieri u għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni ***illegali***. |

Or. de

**Emenda 20**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) *Id-data* tal-PNR ***hija meħtieġa*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u delitti serji u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. | (5) *Id-data* tal-PNR ***tista' tkun mezz utli*** għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni b'mod effettiv ta' reati terroristiċi u ***ċerti tipi ta'*** delitti serji ***ta' natura transnazzjonali*** u għalhekk tissaħħaħ is-sigurtà interna. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*"Id-delitti serji transnazzjonali", speċjalment l-ittraffikar tal-bnedmin, l-ittraffikar tad-droga illegali u l-ittraffikar tal-armi illegali, huma wkoll relevanti u tipi ta' reati serji, li l-prevenzjoni tagħhom tista' tkun megħjuna bl-użu tad-data tal-PNR. Billi jiddejjaq il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva bit-tneħħija ta' "delitti serji", l-użu tad-data tal-PNR hija ffokata fuq r-reati transkonfinali fejn din id-data hija l-iktar relevanti u effettiva.*

**Emenda 21**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) *Id-dejta* tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta *databases* ta' persuni u oġġetti mfittxija, ***titwaqqaf*** evidenza u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. | (6) *Id-data* tal-PNR tgħin lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' delitti serji ***transnazzjonali***, inklużi atti ta' terroriżmu, billi titqabbel ma' bosta *bażijiet tad-data* ta' persuni u oġġetti mfittxija, ***tinstab*** evidenza ***neċessarja*** u, fejn rilevanti, sabiex jinstabu assoċjati ta' kriminali u jinqabdu netwerks kriminali. |

Or. en

**Emenda 22**
**Philip Bradbourn**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) *Id-dejta* tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta *d-dejta* tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu *tad-dejta* tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u | (7) *Id-data* tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt ***l-iktar*** serju jew f'terroriżmu, iżda meta *d-data* tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu *tad-data* tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti ***l-iktar*** serji u terroriżmu minn perspettiva |

permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' *dejta* personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar *tad-dejta* ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu *tad-dejta* tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' *dejta* li qiegħda tiġi pproċessata.

differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' *data* personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar *tad-data* ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu *tad-data* tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti ***l-iktar*** serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' *data* li qiegħda tiġi pproċessata.

Or. en

**Emenda 23**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (7) ***Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk***, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar *tad-dejta* ta' persuni innoċenti ***u persuni mhux sospettati*** jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu *tad-dejta* tal-PNR fir- | (7) Sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar *tad-data* ta' persuni innoċenti jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu *tad-data* tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati għal ***ċerti tipi ta'*** delitti ***partikolarment*** serji li għandhom natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' *data* li qiegħda tiġi pproċessata. |

rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ***ulterjorment*** għal delitti serji li għandhom ***wkoll*** natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' *dejta* li qiegħda tiġi pproċessata.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tieni parti ta' dan il-paragrafu tipprovdi fiha nnifisha l-argument sabiex "delitti serji" ma jiddaħħlux taħt id-Direttiva u, għalhekk, hija essenzjali li tinżamm.*

**Emenda 24**
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal-istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati | (7) Id-dejta tal-PNR tippermetti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi sabiex jidentifikaw persuni, li qabel kienu "mhux magħrufa", jiġifieri persuni li qabel kienu mhux suspettati u jistgħu jkunu involuti f'delitt serju jew f'terroriżmu, iżda meta d-dejta tagħhom tiġi analizzata din tissuġġerixxi li setgħu jkunu involuti f'tali delitti u li għalhekk dawn il-persuni għandhom ikunu soġġetti għal aktar eżaminazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti. ***Id-data tal-PNR m'għandhiex tintuża biex jiġu trażmessi delitti oħra.*** Bl-użu tad-dejta tal-PNR l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jindirizzaw it-theddida ta' delitti serji u terroriżmu minn perspettiva differenti u permezz tal-ipproċessar ta' kategoriji oħra ta' dejta personali. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-dejta ta' persuni innoċenti u persuni mhux sospettati jibqa' limitat kemm jista' jkun, l-aspetti tal-użu tad-dejta tal-PNR fir-rigward tal- |

| | |
|---|---|
| ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. | istabbiliment u l-applikazzjoni tal-kriterji tal-valutazzjoni għandhom jiġu limitati ulterjorment għal delitti serji li għandhom wkoll natura transnazzjonali, jiġifieri huma intrisikament konnessi mal-ivvjaġġar u għal din hija r-raġuni għat-tip ta' dejta li qiegħda tiġi pproċessata. |

Or. lt

**Emenda 25**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. ***Meta d-data ma tinġabarx bħala rutina mit-trasportaturi tal-ajru, dawn m'għandhomx jintalbu jiżviluppaw proċessi biex jiġbru tali data.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun kwalunkwe piż addizzjonali u mhux neċessarju fuq it-trasportaturi tal-ajru, ħaġa li min-naħa tagħha tiġi tradotta fi spejjeż għall-passiġġieri/konsumaturi.*

**Emenda 26**
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. | (11) It-trasportaturi bl-ajru diġà jiġbru u jipproċessaw dejta tal-PNR mill-passiġġieri tagħhom għall-iskopijiet kummerċjali tagħhom. Din id-Direttiva m'għandha timponi l-ebda obbligu fuq it-trasportaturi bl-ajru biex jiġbru jew iżommu dejta addizzjonali mill-passiġġieri jew jiponu xi obbligu fuq il-passiġġieri sabiex jipprovdu xi dejta addizzjonali ma' dik li diġà qed tkun ipprovduta lit-trasportaturi bl-ajru. ***Meta d-data tal-PNR ma jinħażnux elettronikament mit-trasportaturi bħala parti mill-attivitajiet normali tagħhom, dawn m'għandhom ikunu obbligati jiżviluppaw ebda proċess biex jiġbru din id-data.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda ssaħħaħ l-idea prinċipali li t-trasportaturi bl-ajru mhux se jiġbru iktar data minn dik li jiġbru bħalissa għall-finijiet kummerċjali tagħhom.*

**Emenda 27**
**Petra Kammerevert**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-ispejjeż għall-ġbir, l-ipproċessar u t-trasferiment tad-data tal-PNR għandhom jiġġarrbu mill-Istati Membri.*** |

Or. de

**Emenda 28**
**Ismail Ertug**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-ispejjeż għall-ġbir, l-ipproċessar u t-trasferiment tad-data tal-PNR għandhom jiġġarrbu mill-Istati Membri.*** |

Or. de

**Emenda 29**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri ***jistgħu*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta’ ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni tad-delitti serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri. Madankollu, l-Istati Membri ***għandhom*** jeskludu dawk id-delitti minuri li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta’ ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali. |

Or. fr

**Emenda 30**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni tad-delitti ***serji*** għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri***. ***Madankollu,*** l-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti ***minuri*** li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. ***Id-definizzjoni ta' delitti transnazzjonali serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.*** | (12) Id-definizzjoni ta' reati terroristiċi għandha tittieħed mill-Artikoli 1 sa 4 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Id-definizzjoni ta' delitti ***transnazzjonali*** serji għandha tittieħed mill-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI ***u mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali***. L-Istati Membri jistgħu jeskludu dawk id-delitti li għalihom, filwaqt li tiġi kkunsidrata s-sistema ta' ġustizzja kriminali rispettiva tagħhom, l-ipproċessar tad-dejta tal-PNR skont din id-direttiva ma jkunx konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità. |

Or. en

**Emenda 31**
**Petra Kammerevert**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda | (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita ***mingħand it-trasportaturi bl-*** |

| | |
|---|---|
| (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet ***għat-trasportaturi bl-ajru***. | ***ajru*** għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet ***għall-Istati Membri***. |

Or. de

**Emenda 32**
**Ismail Ertug**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet ***għat-trasportaturi bl-ajru***. | (13) Id-dejta tal-PNR għandha tiġi ttrasferita ***mingħand it-trasportaturi bl-ajru*** għal għand unità deżinjata waħda (Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri) fl-Istat Membru rilevanti, sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza u jitnaqqsu l-kostijiet ***għall-Istati Membri***. |

Or. de

**Emenda 33**
**Christine De Veyrac, Dominique Vlasto, Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri *għandha titħejja* bl-iskop li *tirrifletti* r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il- | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri***, li jikkorrispondi għad-data tal-passiġġieri diġà miġbura u proċessata għal skopijiet kummerċjali mit-trasportaturi bl-ajru,*** *għandu jitħejja* bl-iskop li *jirrifletti* r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l- |

| | |
|---|---|
| protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*It-trasportaturi bl-ajru m'għandhomx ikunu responsabbli li jiġbru data barra dik diġà miġbura għal skopijiet kummerċjali.*

**Emenda 34**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR ***meħtieġa*** li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l- | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew ***ċerti tipi ta'*** delitti ***transnazzjonali*** serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l- |

| | |
|---|---|
| protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li ***tista'*** tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 35**
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR ***meħtieġa*** li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal- | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill- |

| | |
|---|---|
| ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-verżjoni Ingliża l-kelma "meħtieġa" tista' twassal għal konfużjoni peress li t-trasportaturi bl-ajru jiġbru d-data tal-PNR mill-informazzjoni li jkollhom fl-attivitajiet normali tagħhom. Dawn m'għandhomx ikunu obbligati li jiksbu jew iżommu d-data addizzjonali tal-passaġġieri bħal ma l-passiġieri m'għandhomx ikunu obbligati li jiffaċilitaw iktar data minn dik prevista normalment mit-trasportaturi bl-ajru fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom.*

**Emenda 36**
**Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***taċ-ċittadini***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw | (14) Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta tal-PNR meħtieġa li għandha tinkiseb mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri għandha titħejja bl-iskop li tirrifletti r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ***tal-persuni***, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn il-listi m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw |

| | |
|---|---|
| il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. en

**Emenda 37**
**Axel Voss**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) ***Il-kontenut ta' kwalunkwe lista ta' dejta*** tal-PNR meħtieġa li ***għandha tinkiseb*** mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***għandha titħejja*** bl-iskop li ***tirrifletti*** r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn ***il-listi*** m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. | (14) ***Ir-reġistri*** tal-PNR meħtieġa li ***għandhom jinkisbu*** mill-Unità tal-Informazzjoni dwar il-Passiġġieri ***u li jinsabu elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva, għandhom jitħejjew*** bl-iskop li ***jirriflettu*** r-rekwiżiti leġittimi tal-awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi jew delitti serji, b'hekk tittejjeb s-sigurtà interna ġewwa l-Unjoni kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, l-aktar il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali. Dawn ***ir-reġistri*** m'għandhomx jinkludu dejta personali li jistgħu jiżvelaw l-oriġini razzjali jew etniċi, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija fi trejdjunjin jew id-dejta dwar is-saħħa jew il-ħajja sesswali tal-individwu kkonċernat. Id-dejta tal-PNR għandha tinkludi dettalji dwar ir-riservazzjoni u l-itinerajru tal-ivvjaġġar tal-passiġġier li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jidentifikaw il-passiġġieri tal-ajru li jirrappreżentaw theddida għas-sigurtà interna. |

Or. de

**Emenda 38**
**Dominique Vlasto, Christine De Veyrac, Michel Dantin**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' ***huwa kkunsidrat*** li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta ***u*** għandu jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha. | (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push'***,*** li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta***,*** għandu jkun mandatorju ***sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-direttiva,*** għat-trasportaturi bl-ajru kollha ***li jkunu diġà proċedew bil-ġbir u l-ipproċessar ta' data tal-PNR għal skopijiet kummerċjali u li jkunu żguraw titjiriet internazzjonali lejn jew mit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Referenza għall-kamp ta' applikazzjoni (l-Artikolu 1) u għall-iskadenza tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (l-Artikolu 15) sabiex ikunu ċċarati l-obbligi imposti għat-trasportaturi bl-ajru.*

**Emenda 39**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu ***jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha***. | (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR meħtieġa lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu ***jitqies bħala preferibbli***. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*In-natura obbligatorja tidher eċċessiva għax din titfa' mingħajr rikors il-piż il-ġdid tat-trasferiment tad-data fuq l-operaturi tat-trasport bl-ajru.*

**Emenda 40**
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR ***meħtieġa*** lill-awtorità li qed titlobha, | (15) Hemm żewġ metodi possibbli ta' trasferiment ta' dejta bħalissa disponibbli: il-metodu 'pull', fejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jeħtieġu d-dejta jistgħu jidħlu (jaċċessaw) fis-sistema tar-riservazzjoni tat-trasportatur bl-ajru u joħorġu ('pull') kopja tad-dejta meħtieġa, u l-metodu 'push', fejn it-trasportaturi bl-ajru jittrasferu ('push') id-dejta tal-PNR lill-awtorità li qed titlobha, b'hekk dan |

| | |
|---|---|
| b'hekk dan jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha. | jippermetti t-trasportaturi bl-ajru jżommu kontroll ta' liema dejta kienet ipprovduta. Il-metodu 'push' huwa kkunsidrat li joffri livell ogħla ta' protezzjoni tad-dejta u għandu jkun mandatorju għat-trasportaturi bl-ajru kollha. ***Jekk dawn ma jkollhomx it-teknoloġija meħtieġa biex japplikaw il-metodu 'push', it-trasportaturi bl-ajru għandhom jadattaw ruħhom għal dan il-metodu fiż-żmien it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Qed titneħħa l-kelma "meħtieġa" għall-istess raġuni bħal fil-paragrafu 14. Qed jiġi ċċarat li t-trasportaturi bl-ajru għandu jkollhom iż-żmien meħtieġ, f'dan il-każ sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, biex jdattaw it-tagħmir tagħhom għall-metodu 'push'.*

**Emenda 41**
**Dominique Riquet**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. Meta jkun hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri ***bħall-immobilizzazzjoni, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi tat-trasport, jew is-sospensjoni*** temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni. | (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. Meta jkun hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri ***bħals-sospensjoni*** temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sospensjoni temporanja tal-liċenzja tidher miżura suffiċenti waħedha u dissważiva biżżejjed.*

**Emenda 42**
**Luis de Grandes Pascual**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. ***Meta jkun hemm ksur serju ripetut li jista' jagħmel ħsara għall-iskopijiet bażiċi ta' din id-Direttiva, dawn il-penali jistgħu jinkludu, f'każijiet eċċezzjonali, miżuri bħall-immobilizzazzjoni, il-qbid u l-konfiska tal-mezzi tat-trasport, jew is-sospensjoni temporanja jew l-irtirar tal-liċenzja tal-operazzjoni.*** | (17) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jippermettu lit-trasportaturi bl-ajru jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiġu pprovduti b'penali dissważivi, effettivi u proporzjonati, inklużi penali finanzjarji kontra dawk it-trasportaturi bl-ajru li jonqsu li jissodisfaw dawn l-obbligi fir-rigward tat-trasferiment tad-dejta tal-PNR. |

Or. es

*Ġustifikazzjoni*

*Xi drabi r-responsabilità ma tkunx tat-trasportaturi bl-ajru imma tal-pajjiżi terzi li ma jiffaċilitawx id-data tal-PNR li għandhom. Is-sanzjonijiet għandhom ikunu disważivi, effettivi u proporzjonali hekk kif tistabbilixxi l-ewwel parti tal-premessa. Għaldaqstant, it-tieni parti tista' tidher sproporzjonata jew kontradittorja mal-ewwel parti li tiġbor fiha kull tip ta' sanzjoni.*

**Emenda 43**
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jivvaluta t-theddid potenzjali relatat ma' reati terroristiċi u delitti serji. | (18) Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli biex jivvaluta t-theddid potenzjali relatat ma' reati terroristiċi u delitti serji. ***B'kunsiderazzjoni tal-theddid reali mill-kriminalità, tal-flussi ta' passiġġieri u tan-netwerks tar-rotot, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiġbru data tal-PNR mhux biss għal titjiriet lejn jew minn pajjiżi barra l-UE imma wkoll għal titjiriet interni tal-UE. Jekk tkun se tinġabar data tal-PNR f'xi Stati Membri għal titjiriet lejn jew minn pajjiżi barra l-UE biss, dan, minħabba l-firxa żgħira u l-karattru episodiku tad-data tal-PNR, fil-fatt ma jwassalx għar-riżultat mixtieq, jiġifieri analiżi fil-fond tal-flussi tal-passiġġieri skont il-fatturi ta' riskju.*** |

Or. lt

**Emenda 44**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id- | (20) L-Istati Membri għandhom jikkondividu ma' Stati Membri oħrajn id-dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji ***kif definit f'din id-Direttiva***. Id-dispożizzjonijiet ta' din id- |

| | |
|---|---|
| dejta tal-PNR li jirċievu fejn tali trasferiment huwa meħtieġ għall-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. | Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għal strumenti oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju tal-intelligence bejn il-pulizija u l-awtoritajiet ġudizzjarji, inkluż id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li stabbiliet l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/ĠAI tat-18 ta' Settembru 2006 dwar is-simplifikazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u intelligence bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea. Dan l-iskambju tad-dejta tal-PNR bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji għandu jiġu irregolat mir-regoli dwar il-kooperazzjoni mal-pulizija u dik ġudizzjarja. |

Or. en

**Emenda 45**
**Olle Schmidt**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***anonimizzata*** | (21) Il-perjodu li matulu għandha tinżamm id-dejta tal-PNR għandu jkun proporzjonali mal-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati terroristiċi u delitti ***transnazzjonali*** serji. Minħabba n-natura tad-dejta u l-użu tagħhom, huwa meħtieġ li d-dejta tal-PNR tinżamm għal perjodu twil biżżejjed biex titwettaq analiżi tax-xejriet u għall-użu fl-investigazzjonijiet. Sabiex jiġi evitat użu sproporzjonat, huwa meħtieġ li, wara perjodu tal-bidu, id-dejta tiġi ***moħbija*** u |

